**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, is-26 ta' April 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Daniel Giordmaina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Daniel Giordmaina,** iben Joseph u Judith nee' Debono, imwieled Attard nhar is-27 ta' April, 1978 u detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 0239378M;

Akkużat talli nhar it-12 ta' Lulju, 2023, għal habta ta' 11:00Hrs, kif ukoll fil-ġranet u x-xhur ta' qabel ġewwa l-Fond 84, Fish Eagle, Vjal il-Ħaddiem, Rabat

1. Ippossjeda xi eżemplari ta' speċi elenkati fl-Iskeda V(a) tal-A.L. 311 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.44) u ċioe' Lifgħa - *Zamenis (Elaphe) situla*, dan meta ma kienux meħuda legalment qabel l-inklużjoni tagħhom fl-Iskedi u meta ma kellux permess maħruġ minn qabel mill-awtorità kompetenti, bi ksur ta' regolament 25 (1) (a) tal-Avviz Legali 311 tal-2006 hekk kif sussegwentament emendat (L.S. 549.44);
2. Kellu fil-pussess tiegħu, parti jew derivativi ta' speci, li jidhru fl-Iskeda tal- A.L. 79 tal-1992 hekk kif emendat (L.S. 549.02) u ċioe' Lifgħa - *Zamenis (Elaphe) situla, bi ksur ta' regolament 5(2) tal-Avviz Legali 79 tal-1992*
3. Ma żammx fil-pussess tiegħu, u għaż-żmien kollu li eżemplari li l-importazzjoni tagħhom taqa taħt ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora kienu fil-pussess tiegħu, kull permess, ċertifikat u liċenza li kellhom x'jaqsmu ma' l-importazzjoni ta' dawk l-eżemplari u dan bi ksur ta' regolament 7 tal- L.S. 549.38 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu xi permess, ċertifikat jew liċenza skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 7 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speci ta' Fawna u Flora u dan bi ksur ta' regolament 8 (1) (p) tal- L.S. 549.38 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Ippossjedeja xi eżemplari ta' speċi elenkati fl-Iskeda V(a) tal-A.L. 311 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.44) u ċioe' Lifgħa - *Zamenis (Elaphe) situla*, dan meta ma kienux meħuda legalment qabel l-inklużjoni tagħhom fl-Iskedi u meta ma kellux permess maħruġ minn qabel mill-awtorità kompetenti, bi ksur ta' regolament 25 (1) (a) tal-Avviz Legali 311 tal-2006 hekk kif sussegwentament emendat (L.S. 549.44);
6. Kellu fil-pussess tiegħu, parti jew derivativi ta' speci, li jidhru fl-Iskeda tal- A.L. 79 tal-1992 hekk kif emendat (L.S. 549.02) u ċioe' Lifgħa - *Zamenis (Elaphe) situla, bi ksur ta' regolament 5(2) tal-Avviz Legali 79 tal-1992* hekk kif sussegwentament emendat (L.S. 549.02).
7. Akkużat talli kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III u meta dak l-għasfur ma kienx ġie iddikjarat u reġistrat mal-awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u dik il-persuna qegħda fil-pussess tal-permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-awtorita kompetenti għaż-żamma ta' dak l-għasfur skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 21, jew ikun ġie importat legalment skond id-dispozizzjonijiet tar-Reg 6(1)(a), jew ġie meħud jew akkwistat legalment fi Stat Membru jew imrobbi fil-magħluq u dan bi ksur ta' Reg 4(1)(e) ta' LS 549.42
8. Kien fil-pussess ta' kwalunkwe kampjun ta' għasfur, jew ta' għasfur li mhux tat-territorju Ewropew, kemm ħaj jew mejjet, jew parti minn kampjun, skont is-subregolarment (1) mingħajr ma' żamm fil-pussess tiegħu u għal kull żmien li dam fil-pussess tal-kampjun, il-permessi, ċertifikati u kull dokument ieħor li jipprovaw, għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li dak il-kampjun ma ġiex akkwistat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti bi ksur ta' Reg 6(3) ta' LS 549.42
9. Iddispona minn xi għasfur jew għasfur li mhux tat-territorju Ewropew li ġie dikkjarat permezz ta' applikazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jew il-predeċessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, mingħajr awtorizzazjoni bil-miktub mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi bi ksur ta' 21(10) ta' LS 549.42.
10. Għen, jew ħajjar, lil xi ħaddieħor biex jitrasferixxi xi għasfur (uħud inklużi fi Skeda I jew fl-Iskeda IX) jew għasfur li mhux tat-territorju Ewropew li kien ġie dikkjarat permezz ta' applikazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jew il-predeċessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, meta ma kienx ġie awtorizzat bil-miktub mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u meta ma kienx issottometta applikazzjoni għal trasferiment lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi jew lill-predeċessur tagħha sat-30 ta' Settembru 2020 u dan bi ksur ta' regolament 21

(10) u 27 (1) (d) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi hekk kif emedati (L.S. 549.42);

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi importa jew daħħal, jew kellu x'jaqsam f'illi jiġu mportati jew imdaħħlin, f'Malta, oġġetti li tagħhom hija pprojbita l-importazzjoni, jew li l-importazzjoni tagħhom hija limitata, u ċioe' oġġetti li jaqgħu taħt it- Tieni Skeda tar-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S 117.14 ) taħt l-intestatura tal-HS 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05; eżemplari ristretti bis-saħħa tar-Regolamenti dwar Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora; tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali; tar-regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Rettili; u tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, b'kontravvenzjoni ta' dik il-projbizzjoni jew limitazzjoni, sew jekk dawn l-oġġetti kienu ġew żbarkati kemm le, u dan bi ksur ta' artikolu 62 (a) tal- Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);
12. U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, ikkunsinna, warrab jew irtira minn bastiment, moll, qabel l-eżami tagħhom mill-uffiċjal inkarigat mid-Dwana, oġġetti mportati f'Malta, b'mod li l-uffiċjal inkarigat ma kienx jista jieħu nota kif imiss, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 62 (c) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
13. U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, żbarka jew għen illi jiġu barkati ogġġetti li tagħhom hija pprojbita l-importazzjoni, jew li l-importazzjoni tagħhom hija limitata, jew oġġett suġett gal dazju, bla ma dan id-dazju ie mhħallas jew ikkawtelat, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 62 (b) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
14. U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, xjentement laqa għandu, żamm, jew ħeba, jew xjentement ħalla jew ittollera, jew ġiegħel jew fittex li jiġu milqugħa, miżmuma jew moħbija oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hija pprojbita jew limitata, u ċioe' oggetti li jaqgħu taħt it- Tieni Skeda tar-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S 117.14 ) taħt l-intestatura tal-HS 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05; eżemplari ristretti bis-saħħa tar-Regolamenti dwar Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora; tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali; tar-regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Rettili; u tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, jew li ma ħallsux dazju u dan bi ksur ta' artikolu 62 (f) tal- Ordinanza tad-Dwana(Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);
15. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u irkostanzi xjentement ġie fil-pussess ta' oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hija pprojbita jew limitata, u ċioe' oġġetti li jaqgħu taħt it-Tieni Skeda tar-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S 117.14 ) taħt l-intestatura tal-HS 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05; eżemplari ristretti bis-saħħa tar-Regolamenti dwar Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora; tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali; tar-regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Rettili; u tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u dan bi ksur ta' artikolu 62 (g) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);

16. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, depożitu jew ħabi ta' dawn l-oġġetti u ċioe' oggetti li jaqgħu taħt it-Tieni Skeda tar- regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S 117.14 ) taht l-intestatura tal-HS 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05; eżemplari ristretti bis-saħħa tar-Regolamenti dwar Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora; tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali; tar-regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Rettili; u tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, jew, filli b'xi mod iddispona minn dawn l-oġġetti, bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imiss jitħallas fuqhom, jew biex jeħles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dawn l-oġġetti jew li jkun tgħodd għalihom, u dan bi ksur ta' artikolu 62 (h) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);
17. U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam, filli bil-qerq jinħarab jew jiġi ittentat li jinħarab xi dazju tad-dwana, jew xi liġi jew limitazzjoni tad-dwana, dwar l-importazzjoni, il-ħatt, it-trasbord, l-iżbark u l-kunsinna ta' oġġetti, jew xi disposizzjoni oħra tal-Ordinanza tad-Dwana, u dan bi ksur ta' artikolu 62 (i) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);
18. U aktar talli, ħajjar, għen jew assista l-egħmil ta' reati taħt Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana u dan bi ksur ta' artikolu 62 (k) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli timponi l-piena taħt regolament 8 (2) tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38), tordna l-konfiska tal-corpus delicti u l-iskwalifika miż-żamma jew il-ksib ta' si warrant, liċenza, permess jew awtorita' għall-żmien mhux anqas minn sena, dan bis-saħħa ta' regolament 8 (4) tal-istess regolamenti.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli timponi l-piena applikabbli taħt ir-regolament 9 (2) (a) tal-A.L. 79 tal-1992 hekk kif emendat (l.S. 549.02), tordna wkoll il-konfiska tal-corpus delicti.

Rat illi permezz ta' digriet datat 26 ta' Marzu 2024 il-prosekuzzjoni ġiet awtorizzata żżid l-akkużi numru 11 sa 18.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**

Din il-kawża titratta allegat importazzjoni u/jew pussess ta' numri ta' eżemplari ta' annimali bbalzmati li l-importazzjoni u/jew pussess tagħhom huwa rregolat mill-liġi, kif ukoll il-pussess ta' fjamingu ħaj mingħajr ma l-imputat kellu l-permess u kien fil-pussess taċ-ċertifikati jew liċenzji meħtieġa għall-pussess legali ta' dan l-għasfur. Jirriżulta li l-awtoritajiet kompetenti ġew a konjizzjoni illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu fjamingu ħaj wara li rċevew informazzjoni u ritratti f'dan ir-rigward mingħand Alice Tribe,

rappreżentanta tal-Bird Life. Sussegwentement il-pulizija ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' arrest u tfittxija maħruġ mill-Maġistrat tal-Għassa u dan ġie esegwit fit-12 ta' Lulju 2023. Dakinhar l-imputat ma kienx fuq il-post, iżda kien hemm biss missieru Joseph Giordmaina. Joseph Giordmaina kien wera lil pulizija, li kienu akkumpanjata minn uffiċjali tal-ERA u tal-WBRU, vetrina fejn kien hemm tajr ibbalzmat, u wkoll il-fjamingu li kien qiegħed jinżamm f'għalqa ġewwa guva. L-awtoritajiet issiġilaw kollox u reġu għamlu spezzjoni oħra fil-15 ta' Lulju 2023 bi ftehim ma' Joseph Giordmaina. Waqt it-tieni spezzjoni, li saret fil-presenza tal-imputat ġie kkonfisat il-fjamingu. Sussegwentement kienet saret spezzjoni oħra, ukoll fil-presenza tal-imputat, u ġew kkonfiskati l-għasafar u r-rettili bbalzmati li nstabu fuq il-post.

**L-ewwel, it-tieni, il-ħames u s-sitt imputazzjoni.**

Dawn l-imputazzjonijiet jirrigwardaw il-lifgħa bbalzmata li nstabet fil-pussess tal-imputat. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-ħames u s-sitt imputazzjoni huma dupliċi tal-ewwel u t-tieni akkuża u għalhekk ser tastjeni tieħu milli tieħu konjizzjoni tagħhom.

Fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet id-difiża argumentat waqt it-trattazzjoni tagħha illi mill-atti mhuwiex stabbilit li din il-lifgħa kienet fuq il-post fid-data tal-akkużi, u tagħmel referenza għal *fol.* 18, 19, 22 u 6 tal-proċess. Il-Qorti pero tqis illi dan l-argument m'għandux mis-sewwa. Huwa minnu li l-Current Incident Report, u l-affidavits ta' PS130 u PC544 jagħmlu referenza biss għal tajr ibbalzmat. Pero, f'dawn l-istess affidavits issir referenza għall-konfiska tal-eżemplari u r-riċevuta maħruġa lill-imputat, u r-riċevuta numru 1811 a *fol.* 31 tindika li fit-28 ta' Awissu 2023 ġie kkonfiskat "*Leopard Snake",* ossia *Zamenis Situla/Elaphe situla,* jew kif magħruf bil-Malta lifgħa. Fix-xhieda tiegħu Gilbert Haber, uffiċjal tal-ERA, xehed (*fol.* 54) li meta saret l-ispezzjoni "kien hemm ukoll ibbalzmat leopard snake, lifgħa, li hija serp lokali." L-istess xhud preżenta lista tal-għasafar lie ġew elevati u żied (*fol.* 55) "Ma' dik il-lista wkoll qed ninkludi ż-żewġ rettili l-leopard snake li huwa mħares taħt Schedule 5A…" u filfatt din il-lifgħa tinsab elenkata fid-dokument a *fol.* 94. L-istess lifgħa tinsab ukoll elenkata fir-rapport redat minn Cassie Grech, uffiċjal tal-Wild Bird Regulation Unit, a *fol. 237,* bħala waħda mill-eżemplari li instabu fuq il-post u li ġew konfiskati peress li l-awtoritajiet kienu tal-fehma illi l-imputat ma kienx fil-pussess ta' din il-lifgħa legalment. Il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnotax li dan l-argument tad-difiża jinsab kontradett mix-xhieda tal-imputat stess li kkonferma li din il-lifgħa kienet fuq il-post u li anzi qal li dejjem kien jiftakarha hemm.

Id-difiża targumenta wkoll li l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' dan ir-reat peress illi fiż-żmien meta l-imputat ġie fil-pussess ta' din il-lifgħa ma kien hemm l-ebda ħtieġa legali li dan il-pussess jiġi rreġistrat mal-Awtorita. L-imputat xehed illi din il-lifgħa dejjem jiftakarha hemm, u allura kienet ilha ċirka ħamsin sena hemm. Huwa qal ukoll li din mhijiex lifgħa iżda serp, u qal li dan kien instab minn missieru, li kien ġabu mejjet minn spiera. Il-Qorti pero ma tqisx li din ix-xhieda hija kredibbli. L-ewwel nett, minkejja li jinsisti li din il-lifgħa hija serp, ir-rappreżentanti tal-Awtoritajiet kompetenti ikklassifikawha bħala lifgħa u ma tressqet l-ebda prova li din il-klassifikazzjoni saret ħażin. Inoltre, l-Qorti tosserva li missier l-imputat

tressaq bħala xhud mill-imputat u fl-ebda ħin ma semma li hu kien sab din il-lifgħa mejta fi spiera, tellagħha u kien ilu fil-pussess tagħha għaż-żmien indikat mill-imputat.

Għal dak li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni, kull ma kellha tipprova l-prosekuzzjoni huwa li l-imputat kien fil-pussess ta' lifgħa mingħajr il-permessi neċessarji. Dan kollu ġie pruvat mill-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, u wara kollox dan kollu ġie ammess mill-imputat stess fix-xhieda tiegħu. Jekk l-imputat ried jiddefendi ruħu billi jsostni li ma kellu l-ebda obbligu li jkollu xi permess biex jipposjedi din il-lifgħa għaliex kienet ilha fil-pussess tiegħu minn qabel ma ġiet fis-seħħ il-liġi relevanti, dan huwa fatt li kellu jippruvah hu. Pero, kif diġa ġie spjegat, il-Qorti ma tqis li x-xhieda tal-imputat dwar kif u meta ġie fil-pussess ta' din il-lifgħa hija kredibbli. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-imputat huwa ħati tat-tieni imputazzjoni addebitata kontra tiegħu.

Mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-ewwel akkuża. Fiċ-ċitazzjoni il-prosekuzzjoni akkużat lill-imputat li kien fil-pussess ta' din il-lifgħa "meta ma kienux meħuda legalment" u għalhekk il-Prosekuzzjoni kellha tressaq prova suffiċjenti dwar dan il-fatt. Peress li l-ebda prova f'dawn ir-rigward ma tressqet, il-Qorti ma tistax ħlief tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**It-tielet u r-raba` imputazzjoni**
Il-Qorti tibda billi tosserva li dawn l-imputazzjonijiet huma dupliċi u għalhekk ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba` imputazzjoni.

Id-difiża targumenta li l-Liġi Sussidjarja 549.38 mhijiex applikabbli għall-fattispeċi ta' din il-kawża peress li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li kien hemm xi importazzjoni, fatt li skont id-difiża kellu jiġi pruvat mill-Prosekuzzjoni sabiex tkun tista' tissussisti din l-akkuża. Il-Qorti tqis li dan l-argument għandu mis-sewwa. Anke r-regolament numru 7, li jirrigwarda s-sempliċi pussess ta' eżemplari, jikkwalifika l-applikabbilita tiegħu għal dawk l-eżemplari li l-importazzjoni tagħhom tkun taqa` taħt L.S. 549.38. Il-prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova dwar xi importazzjoni ta' dan it-tip, jew imqar illi hemm xi eżemplari li ma setgħux ħlief ġew importati għaliex m'humiex eżemplari li jinstabu Malta jew li jpassu minn fuq Malta. Għalhekk ġaladarba m'hemm l-ebda prova li xi eżemplari li jifformaw mertu ta' dawn il-proċeduri qatt kinux ġew importati f'Malta, il-Qorti ser tgħaddi biex tillibera lill-imputat minn din l-akkuża.

**Is-sebgħa u t-tmien imputazzjoni**
Dawn l-imputazzjonijiet jirrigwardaw il-pussess tal-fjamingu ħaj, li skont il-Prosekuzzjoni kien illegali peress li ma kienx ġie ddikjarat u rreġistrat mal-awtorita kompetenti u peress li l-imputat kien fil-pussess ta' dan il-fjamingu mingħajr ma żamm fil-pussess tiegħu il-permessi, ċertifikati u kull dokument ieħor li jipprova li dan il-fjamingu ma ġiex akkwistat kontra d-disposizzjonijiet tal-Liġi Sussidjarja 549.42.

Mhuwiex kontestat mill-imputat li huwa kien fil-pussess ta' fjamingu ħaj, li huwa anzi jgħid kien ilu għandu xi ħames snin. Id-difiża ssostni pero li

ladarba dan il-fjamingu kien *'captive- bred'* u qiegħed biċ-ċurkett ma hemm bżonn l-ebda prova oħra li dan il-fjamingu kien jinstab fil-pussess tal-imputat legalment. L-imputat ma jikkontestax pero li ma kienx fil-pussess ta' xi ċertifikat, liċenzja jew permess relattiv għal dan il-fjamingu, u filfatt xehed li l-persuna li kien tah dan il-fjamingu kien laħaq miet qabel ma ħadu ħsieb id-dokumentazzjoni neċessarja.

Mill-provi jirriżulta li għalkemm huwa minnu li dan il-fjamingu kien instab b'ċurkett ma saqajh, dan iċ-ċurkett ma kienx magħluq. L-imputat tela` jixhed dwar dan u qal illi kien hemm żmien meta fl-istess guva fejn kien iżomm fil-fjamingu kien ukoll iżomm emu. Qal illi darba minnhom dan l-emu kien ħarab u kien qatta` il-fildiferru li kien hemm madwar il-guva. Huwa qal li l-fjamingu kien inqabad go din it-toqba li kienet inħolqot meta ħarab l-emu, fatt li skont hu jinsab korroborat mill-anomalija li ġie riskontrata f'għonq il-fjamingu, u ċ-ċurkett kien intlaqat meta kien qiegħed juża sega biex jillibera lill-fjamingu mill-fildiferru. Din il-verżjoni ġiet ikkonfermata minn missieru Grezzju Giordmaina. L-imputat produċa wkoll bħala xhud lil martu, iżda l-Qorti mhijiex ser tieħu in konsiderazzjoni ix-xhieda tagħha in vista ta' dak dispost fl-artikolu 635 tal-Kodiċi Kriminali.

Fil-fehma ta' din il-Qorti pero il-verżjoni mogħtija mill-imputat mhijiex verosimili meta kkonsidrat il-provi kollha in atti, u ma tqis illi l-imputat kien xhud kredibbli. Ibda billi jingħad li minkejja li l-imputat kien qal, a *tempo vergine*, li dan il-fjamingu kien ħallihulu xi kuġin tiegħu jismu Andrew, meta xehed quddiem din il-Qorti isem il-kuġin inbidel għal Charlie. Interessanti wkoll il-fatt li għalkemm allegatament dan Andrew jew Charlie kien jiġi mill-imputat, missier l-imputat xehed li l-imputat kien qallu li l-fjamingu kien "ħadulu wieħed", u l-Qorti tqis li huwa pjuttost inverosimili li membru tal-familja, u terġa wieħed familjarji biżżejjed mal-imputat biex jagħtih fjamingu, kienet ser isir referenza għalih sempliċiment bħala "wiehed" minn missier l-imputat.

Inoltre, u a kuntrarju ta' dak argumentat mid-difiża, il-verżjoni tal-imputat dwar ir-raġuni għalfejn iċ-ċurkett tal-fjamingu mhux magħluq mhijiex verosimili. Il-Qorti ma teskludix li verament kien inqala' incident fejn il-fjamingu kien weħel fil-fildiferru, speċjalment wara li rat il-fildiferru iddaneġjat fir-ritratti esebiti mill-imputat. Pero l-Qorti ma temminx illi ċ-ċurkett ma baqax magħluq minħabba dan l-inċident, l-ewwel nett għaliex huwa inspjegabbli kif il-fjamingu kien maqbud fil-fildiferru minn għonqu u kellu jiġi iddanneġġjat iċ-ċurkett li ma kien ma saqajh biex jinħeles, u inoltre għaliex huwa daqstant ieħor inspjegabbli kif sega li kienet qed tiġi użata f'tali sitwazzjoni kienet ser taqta' biss iċ-ċurkett u b'mod tant pulit.

Barra minn hekk, il-Qorti rat ix-xhieda ta' Gilbert Haber (*fol.* 56) li xehed u kkonferma bil-ġurament tiegħu li peress li fuq iċ-ċurkett kien hemm l-ittra NL, li jindika li ċ-ċurkett kien ġie rreġistrat fl-Olanda, huwa kien għamel verifiki mal-awtoritajiet Olandiżi dwar jekk in-numru taċ-ċurkett kienx abbinat ma' xi fjamingu imwieled jew imfaqqas fl-Olanda u dawn qalulu li ma kellhom l-ebda *record* tan-numru taċ-ċurkett, la fuq fjamingu u lanqas fuq kwalunke għasfur ieħor.

Illi fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni is-seba` u t-tmien imputazzjoni kontra l-imputat.

**Id-disgħa u l-għaxar imputazzjoni**
Il-Qorti tibda billi tosserva li l-imputat qiegħed jiġi akkużat b'numru ta' imputazzjonijiet li ma jirrigwardawx sempliċi pussess, jew nuqqas ta' żamma fil-pussess taċ-ċertifikat, permess jew liċenza meħtieġa. Skont id-disgħa u l-għaxar imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi mixli risepttivament li iddispona minn xi għasafar li mhux tat-territorju Ewropew u li għen jew ħajjar lil ħaddier biex jitrasferixxi xi għasfur li mhux tat-territorju Ewropew mingħajr awtorizazzjoni. Dawn l-imputazzjoni iridu jiġu eżaminati fid-dawl taż-żmien meta l-imputat qiegħed jiġi mixli li kkommetta r-reati in diżamina, u ċioe "…it-12 ta' Lulju 2023, għal ħabta ta' 11.00Hrs, kif ukoll fil-ġranet u x-xhur ta' qabel…"

Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Polidano** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Ottubru 2016:

> "Illi huwa fundamentali li z-zmien meta sar ir-reat jaqbel maz-zmien indikat fic-citazzjoni. In effetti r-reat irid jikkombacja mad-data inkriminata.

Fuq l-istess vena ta' ħsieb, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicole Anne Testa** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 2017 fejn ġie rrilevat illi:

> "Il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin."

Tenut kont ta' dan għalhekk, sabiex tkun tista' tinsab ħtija taħt id-disgħa u l-għaxar imputazzjoni irid jirriżulta, fost affarijiet oħra, li l-kondotta li biha qiegħed jiġi akkużat l-imputat seħħet fit-12 ta' Lulju 2023 jew fil-ġranet u x-xhur ta' qabel. Għalkemm l-indikazzjoni ta' żmien mogħtija mill-Prosekuzzjoni hija daqsxejn wiesgħa, ikkonsidrat li qed issir referenza wkoll għax-xhur ta' qabel 12 ta' Lulju 2023, ċertament dan iż-żmien huwa limitat għal mhux aktar minn sena, ikkonsidrat illi l-frażi li tintuża hija ġranet u xhur, u mhux ġranet, xhur u snin. Hawnhekk pero tfalli l-azzjoni tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, peress illi mid-dokumentazzjoni a *fol.* 207 sa 220 jirriżulta li l-imputat kien akkwista għadd sostanzjali tal-għasafar relevanti snin sħaħ qabel id-data tal-akkużi, u ċioe bejn l-2004 u l-2017. Dawn l-akkwisti għalhekk żgur li ma jaqgħux entro ż-żmien stipulat fl-akkużi. Fir-rigward tal-bqija tal-eżemplari mbagħad, il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova dwar meta l-imputat allegatament

iddispona mill-għasafar jew għen jew ħajjar li ħaddieħor biex jitrasferixxi dawn l-għasafar. Għalhekk l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' dawn l-akkużi.

**Il-ħdax sat-tmintax -il akkuża**
L-istess konsiderazzjonijiet magħmula fir-rigward tad-disgħa u l-għaxar akkuża japplikaw fir-rigward tal-ħdax sat-tmintax il-imputazzjoni, li kollha jirrigwardaw xi tip ta' imġieba jew kondotta kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta li tabilfors seħħet fi żmien partikolari. Għalhekk, għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri il-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-atti li jifformaw parti minn dawn l-imputazzjonijiet saru fit-12 ta' Lulju 2023 jew fil-ġranet jew xhur ta' qabel. Pero l-ebda prova ma tressqet f'dan ir-rigward u għalhekk hemm nieqsa prova essenzjali dwar il-ħtija tal-imputat relattiva għal dawn l-imputazzjonijiet.

Għaldaqstant, il-Qorti m'għanda l-ebda għażla oħra ħlief li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet disgħa sa tmintax.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**
Għal dak li jirrigwarda l-piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi, peress li l-fjamingu kien għex ħajtu miżmum ġo guva u mogħti awrofakk bħala ikel, dan il-fjamingu kellu bżonn perjodu ta' reabilitazzjoni peress illi kellu piż żejjed, ma kienx kapaċi jiekol waħdu ikel naturali għall-ispeċi tiegħu u ma kienx juri imġieba normali għall-ispeċi tiegħu. Dan ma jfisser xejn ħlief illi dan l-għasfur għex ħajtu sħiħa kompletament deprivat mill-possibilita li jgħix ħajja normali għall-ispeċi tiegħu, tant li l-istint tiegħu ġie żnaturat. Inoltre, ma jistax ma jitteħdix kont ukoll tal-imġieba tal-imputat fil-konfront tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti meta marru jikkonfiskaw il-fjamingu pendenti l-proċeduri, li rraportaw li waqt dan l-eżerċizzju l-imputat beda joffendihom u jheddidhom, u qalilhom ukoll, b'referenza għall-fjamingu "Aħjar ksirtulu għonqu u ħadtuh mejjet." Xejn minn dan ma ġie nnegat mill-imputat. Għalkemm il-Qorti tifhem li l-imputat ħassu irrabjat u imdejjaq li kien qiegħed jittieħed dan il-fjamingu, dan bl-ebda mod ma jiġġustifika din it-tip ta' imġieba fil-konfront ta' uffiċjali li kienu biss qed jagħmlu xogħolhom.

Il-Qorti qed tieħu wkoll in konsiderazzjoni pero illi b'mod ġenerali il-fjamingu instab fi stat ta' saħħa tajjeb, u mingħajr ebda sinjal ta' ġrieħi jew feriti ta' xi arma tan-nar. Il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni ukoll il-fatt illi, salv għal kwistjoni tal-fjamingu, l-imputat ikkopera mal-pulizija u l-uffiċjali biex isiru l-ispejjezzjonijiet meħtieġa, l-elenku tal-eżemplari ibbalzmati li kellu u l-konfiska ta' xi uħud minnhom.

Ikkonsidrat dan kollu, il-Qorti tqis illi l-multa li għandha tiġi imposta fuq l-imputat għandha tkun fis-somma ta' tlett elef ewro (€3,000).

Fir-rigward tal-ispejjeż għaż-żamma tal-fjamingu bejn il-15 ta' Lulju 2023 sal-15 ta' Settembru 2023 kif jirriżultaw mid-dokument a *fol.* 48, id-difiża argumentat li l-imputat ma jistax jiġi ordnat iħallas xi spejjeż għaliex ma saritx talba f'dan is-sens mill-prosekuzzjoni huwa żbaljat. Il-Qorti tosserva li l-artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali ma jagħmilx ordni għall-ħlas tal-ispejjeż suġġett għal xi talba f'dan is-sens minn naħa tal-prosekuzzjoni, u lanqas

għad-diskrezzjoni tal-Qorti, u jipprovdi li l-Qorti għandha tordna li l-imputat iħallas l-ispejjeż indikati f'dan l-artikolu f'każ ta' ħtija. Pero, dan l-artikolu japplika biss fejn dawn l-ispejjeż ikunu spejjeż "li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri." F'dan il-każ, l-ispejjeż tal-BirdLife ma jistgħux jitqiesu bħala spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri peress li BirdLife ma ġietx maħtura mill-Qorti sabiex iżomm il-fjamingu pendenti dawn il-proċeduri. Għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat ma jistax jiġi ordnat biex jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż permezz ta' ordni mogħti f'dawn il-proċeduri.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat ir-regolament 25(1) (a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.44, ir-regolament 5(2) u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.02, ir-regolamenti 7 u 8(1)(p) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.38, ir-regolamenti 4(1)(e), 6(3), 21(10), u 27(1)(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, u l-artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' ħames u s-sitt imputazzjoni peress li huma dupliċi, issib lill-imputat ħati tat-tieni, s-sebgħa u t-tmien imputazzjoni filwaqt li tilliberah mill-bqija tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, u tikkundannah għal-ħlas ta' multa ta' tlett elef ewro (€3,000), li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar. F'każ li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar millum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-fjamingu u tal-lifgħa skont il-liġi, filwaqt li tordna r-rilaxx favur l-imputat tal-bqija tal-eżemplari ikkonfiskati pendenti dawn il-proċeduri.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur